**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 141/2010**

**Illum: 28 ta' Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Stiano Agius**
**(ID 418581(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Stiano Agius ta' 28 sena, iben Carmelo u Anne xebba Balzan, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta' Lulju 1981, residenti Nru. 13, 'Santa Rita', Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` numru 418581(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Ottubru 2009 u fil-jiem ta' qabel:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. M. Mallia LL.D. datata 21 ta' Jannar 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

3) U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-4 ta' Ottubru 2009, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-imputat odjern u dan fir-residenza tal-istess imputat. Fil-but tal-qalziet tieghu, instabu zewg boroz bi trab kannella suspettat eroina u nstabet ukoll is-somma ta' erba' mitt ewro (€400).

Skont PS 1220 Chris Baldacchino, fil-hin li huma dahlu fir-residenza, l-imputat kien qieghed fil-bieb. Fil-waqt li PS 1220 jghid illi s-somma msemmija nstabet gewwa d-dar (minghajr ma jindika f'liema parti tad-dar), PC 777 Chris Ebejer, li kien prezenti ghal din it-tfittxija, jghid illi l-flus instabu fil-but tal-imputat, kif fil-fatt gie indikat fit-*tag* mal-esebit in kwistjoni u kif rizultanti mir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, hawn isfel imsemmija. Jghid illi huma dahlu d-dar u waqqfuh u meta rega' gie mistoqsi fejn kien l-imputat f'dan il-mument, ix-xhud jghid li kien fid-dar.[1]

Mir-relazzjoni esebita mill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], jirrizulta illi huwa nghata borza tal-plastik trasparenti b'*label* bil-kliem "Data 4/10/09, Hin 11 am, Elevat/i minn gol-but tal-lemin tal-qalziet tieghu, fil-prezenza ta' Stiano Agius, minn PS 1220, PC 777". Din il-borza, li fiha kien hemm ammont ta' flus, ma gietx miftuha. L-espert inghata wkoll borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 4/10/09, Hin 11 am, Elevat/i minn gol-but tal-lemin tal-qalziet tieghu, fil-prezenza ta' Stiano Agius, minn PS 1220, PC 777". F'din il-borza kien hemm zewg bicciet ta' sustanza ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, iz-zewg bicciet ta' sustanza ta' lewn kannella fid-dokument imsemmi, instabet fihom is-sustanza eroina. Il-piz nett totali ta' dawn iz-zewg bicciet kien ta' 9.92 grammi u l-purita` medja taghhom ghas-sustanza eroina kienet ta' cirka 9.6%. Ukoll skont l-istess relazzjoni, il-piz rispettiv tal-bicciet imsemmija kien ta' 4.90 grammi u 5.02 grammi.

L-imputat gie interrogat dakinhar stess tal-4 ta' Ottubru 2009, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi, izda minghajr ma nghata l-jedd li jottjeni parir legali, stante li fiz-zmien in kwistjoni, persuna arrestata ma kellhiex dan il-jedd. Fi kwalunkwe kaz, waqt l-interrogatorju tieghu, huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi. L-istess imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[3]

Fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi fil-kaz odjern, huwa kien gie arrestat mid-dar tieghu u li kienu sabulu zewg pakketti bl-eroina, ghax dak iz-zmien huwa kien jabbuza mill-istess droga. Mistoqsi ghaliex kellu dak l-ammont, huwa jghid illi kien jixtri xi ghaxar grammi ghaliex kien qieghed taht '*house arrest*' u ghalhekk ma kienx ikun jista' johrog meta jrid. Meta kienu jispiccawlu, imbaghad, kien jerga' jixtri dak l-ammont. Jghid illi d-droga kienet intiza ghalih biss.

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino (a fol. 19 u 20 tal-process) u x-xhieda ta' PC 777 Chris Ebejer (a fol. 22 u 23 tal-process.

[2] Esebita a fol. 28 tal-process.

[3] A fol. 60 sa 63 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina.

Fit-trattazzjoni taghha, id-difiza tissottometti illi ma ngabitx il-prova, fil-grad rikjest mil-ligi, illi d-droga in kwistjoni ma kinitx intiza esklussivament ghall-uzu tal-imputat. Skont id-difiza, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova li l-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur u c-cirkustanzi li fihom tinstab id-droga ghandhom ikunu tali li jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi l-pussessur kellu l-intenzjoni tal-ispacc. Tghid id-difiza illi f'dan il-kaz, ir-reat ta' pussess aggravat baqa' ma giex ippruvat.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata*

*fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

"*... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

M'hemmx dubbju mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mix-xhieda tal-istess imputat, illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina, liema droga fil-fatt instabet fil-but tal-qalziet tieghu. Ai termini tar-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, il-piz tas-sustanza kontenenti l-eroina kien ta' 9.92 grammi, b'purita` medja ta' 9.6%. Din kienet maqsuma f'zewg boroz separati, b'piz rispettiv ta' 4.90 grammi u 5.02 grammi.

Dwar il-purita`, id-difiza tissottometti illi din kienet wahda baxxa. Ghalkemm dan huwa minnu, kif fil-fatt jikkonferma l-istess espert fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, biss l-espert xehed ukoll illi dan kien dovut ghal dikomponiment tal-istess sustanza. Kif spjega l-istess espert, id-degradazzjoni kienet dovuta ghall-fatt li mas-sustanza kienet mizjuda l-kafeina li ggieghel is-sustanza tiddekomponi izjed malajr. In oltre l-ambjent li fih tigi mizmuma d-droga saz-zmien tal-ezami taghha wkoll ikollu effett fuq il-purita`. L-istess espert ikkonferma wkoll illi l-purita` mhux necessarjament taghti indikazzjoni cara, ghaliex din tista' tkun rizultat ta' process ta' degradazzjoni li tkun ghaddiet minnha s-sustanza. F'dan il-kaz, fil-fatt instabet ukoll f'livell gholi s-sustanza *6-Monoacetylmorphine* li hija prodott tad-degradazzjoni tal-eroina.

Fil-fehma tal-Qorti, ammont ta' 9.92 grammi huwa ammont sinjifikanti u certament li m'huwiex tali li wiehed normalment jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Ghalhekk f'dan il-kaz, ai termini tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kien jispetta lill-imputat li juri, imqar sal-grad tal-probabbli, illi dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu. Madankollu, kull ma jirrizulta fl-atti f'dan ir-rigward, hija x-xhieda tal-imputat illi jghid li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jaghmel uzu mill-eroina, li kien qieghed taht *house arrest* u li allura minhabba r-restrizzjonijiet li kien assoggettat ghalihom, huwa kien jixtri l-eroina f'piz ta' ghaxar grammi f'daqqa ghall-uzu personali tieghu. Issa apparti illi ghalkemm l-imputat kien fid-dar jew fil-bieb tad-dar tieghu, id-droga kollha nstabet fuq il-persuna tieghu f'zewg boroz separati, bid-droga f'kull borza f'ammonti tassew simili, ghajr ghax-xhieda tieghu, m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi l-imputat kien dipendenti jew li kien jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi li kieku l-imputat kien jehtieglu jakkwista ammont ta' ghaxar grammi eroina sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu, dan ikun ifisser illi l-imputat kellu vizzju sostanzjali ta' droga, izda effettivament fix-xhieda tieghu, la jghid kemm kien ilu juza droga eroina, la jghid kemm kien juza droga kuljum jew kemm kien jixtri ta' sikwit, u lanqas jghid kemm kien iservih ammont ta' ghaxar grammi u kull kemm allura kien jehtieglu johrog mid-dar sabiex jixtri d-droga. Effettivament, lanqas ma jressaq prova li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jinsab taht *house arrest.* Jghid biss u sempliciment li dak iz-zmien, huwa kien juza l-eroina u dan sabiex jiggustifika s-sejba ta' ammont sinjifikanti ta' droga fil-pussess tieghu. Fl-atti madankollu, ghajr ghal din ix-xhieda, m'hemm l-ebda indikazzjoni ckejkna kemm hi ckejkna dwar dan, lanqas mill-fedina penali aggornata tieghu, li wkoll ma tinkludi l-ebda kundanna dwar pussess tad-droga eroina jew tal-inqas pussess semplici ta' xi droga ohra. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat ha l-pedana tax-xhieda biex jghid sempliciment u xejn izjed illi dak iz-zmien huwa kien juza l-eroina u li kien taht *house arrest,* ikkunsidrat mill-banda l-ohra, l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tieghu u l-mod kif dan l-ammont kien maqsum, ma jurix sal-grad tal-probabbli, illi tali ammont kien intiz esklussivament ghall-uzu personali tieghu.

Ghalkemm id-difiza tissottometti illi f'dan il-kaz, kien jehtieg illi l-Prosekuzzjoni tipprova l-intenzjoni tal-imputat li jispaccja d-droga, biss kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>** tat-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999):

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk*

*tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.*"

Ghalhekk, mhux korretta d-difiza meta tghid illi kien jehtieg, ghall-fini tar-reat in dizamina, li tigi pruvata l-intenzjoni tal-imputat li jispacca d-droga, izda huwa sufficjenti li jirrizultaw cirkostanzi li juru li l-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat. F'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwarhom, tqis illi jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi d-droga in kwistjoni ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat. Ghaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat qed jigi akkuzat talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni moghtija lilu minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. M. Mallia, datata 21 ta' Jannar 2008. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia tal-21 ta' Jannar 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) vs Stiano Agius'.[4] Il-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u ghaldaqstant jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tal-imputat f'dan il-kaz. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, inghata piena ta' multa u gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk la darba r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni gie kommess fl-4 ta' Ottubru 2009, ifisser illi t-terminu operattiv tal-imsemmija sentenza kien ghadu ghaddej, u konsegwentement, it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru finali u definittivi. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza fuq imsemmija datata 21 ta' Jannar 2008 li, permezz taghha, kif inghad, oltre liberazzjoni kundizzjonata, l-imputat gie

[4] Ara a fol. 16 sa 18 tal-process.

kkundannat ukoll ghal piena ta' multa, kif ukoll vera kopja ta' sentenza ohra, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Stiano Agius' tal-14 ta' Mejju 2009, mil-liema jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din l-ahhar sentenza, l-imputat gie kkundannat ghall-pieni pekunjarji. Ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor*". Dan ifisser illi fil-kaz ta' pieni pekunjarji, sabiex persuna titqies recidiva ai termini ta' dan l-artikolu, jehtieg jirrizulta illi hija kkommettiet delitt iehor fi zmien hames snin minn dakinhar li tkun skontat l-ewwel piena jew altrimenti minn dakinhar li tkun giet mahfura din il-piena. Fil-kaz odjern, ghalkemm jirrizulta illi l-imputat nstab hati fil-21 ta' Jannar 2008 u fl-14 ta' Mejju 2009 rispettivament u ghalhekk qabel il-kaz odjern, biss ma jirrizultax illi l-pieni rispettivi kienu gew skontati (ossia f'dan il-kaz imhallsa) sad-data tal-kaz odjern, tant illi mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta illi l-multa imposta bis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2008, giet imhallsa fl-20 ta' Jannar 2010, fil-waqt illi l-pieni pekunjarji imposti bis-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, gew imhallsa f'Lulju u f'Awwissu tas-sena 2013 u ghalhekk, fiz-zewg kazijiet, wara d-data li fiha gie kommess id-delitt mertu tal-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk l-imputat qed jitqies bhala recidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Frar 2017, mil-liema jirrizulta illi huwa nstab hati *inter alia* ta' ricettazzjoni, reati kontravvenzjonali, diversi reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, reati bi ksur tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ai termini tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 9, uzu ta' dokumenti, dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz, dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lill-awtorita` pubblika, kif ukoll ta' assocjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga kokaina, pussess aggravat tad-droga kokaina, *money laundering* u pussess ta' biljetti ta' flus falsifikati. Dwar dawn l-ahhar reati li jirrisalu ghas-sena 2007, l-imputat gie kkundannat, fis-sena 2015, ghall-piena ta' hdax-il sena prigunerija effettiva u multa ta' tletin elf ewro. Ghalhekk din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta' reati serji konnessi mad-droga.

Qieset ukoll f'dan il-kaz, il-piz tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, piz dan li, kif diga` inghad, ma kienx wiehed insinjifikanti.

Qieset ukoll dwar it-tieni imputazzjoni, illi ghalkemm, kif inghad, jirrizulta illi r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni gie kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza mertu tat-tieni imputazzjoni, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena fis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2008, il-Qorti qalet hekk: "*Ssib lill-imputat hati skont l-akkuzi u wara li qieset id-dikjarazzjoni bikrija u rat il-fedina penali tal-imputat, jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament fl-ghoti tal-piena b'applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 u ghalhekk tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' €1630.56 (Lm700). Tillibera lill-imputat taht il-provvedimenti tal-art. 22 tal-kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum.*" Minn qari ta' din il-parti tas-sentenza, il-Qorti tifhem illi meta l-Qorti giet biex tinfliggi l-piena u applikat il-piena tal-multa, ghamlet dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u ghalhekk, ghaliex qieset illi kien hemm cirkostanzi li jimmeritaw li tinzel taht il-minimu tal-piena prevvista mil-ligi. Minn harsa lejn il-pieni kif vigenti fiz-zmien ta' dak il-kaz ghar-reati li dwarhom instab hati l-imputat, jirrizulta illi l-ewwel tliet imputazzjonijiet kienu jgibu biss piena ta' prigunerija, fil-waqt illi r-raba' u l-hames imputazzjonijiet kienu jgibu piena ta' prigunerija jew multa jew inkella fil-kaz tal-hames imputazzjoni, iz-zewg forom ta' pieni flimkien. Kemm fil-kaz tar-raba' imputazzjoni, kif ukoll tal-hames imputazzjoni, la l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 u lanqas l-Artikolu dak iz-zmien 76 u illum 40 tal-Kap. 352 ma jipprovdu l-minimu tal-multa u ghalhekk il-Qorti kienet libera li timponi kwalsiasi multa fil-parametri tal-Artikolu 11 tal-Kap. 9. Dan ifisser illi biex il-Qorti tinfliggi piena ta' multa fil-minimu ma kienx jehtiegilha li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9, li jfisser allura illi din il-Qorti, sempliciment minn qari tas-sentenza, ma tistax tikkonkludi fir-rigward ta' liema reati l-imputat inghata l-piena ta' multa. Veru illi wiehed jista' jghid illi la darba l-Qorti ghazlet illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, allura kienet qeghda taghmel dan fir-rigward tar-reati li jgibu piena ta' prigunerija (ghaliex effettivament dan l-artikolu jista' japplika biss ghal tali pieni), izda la darba l-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 meta applikat il-piena ta' multa, din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li torbot din il-piena ma' reat partikolari u mhux ma' iehor sabiex allura tghaddi biex titratta mal-imputat dwar ir-reati li dwarhom l-imputat ma nghatax il-piena ta' multa, izda liberazzjoni kundizzjonata, proprju ghaliex ma tafx dwar liema reati huwa nghata l-multa, bir-riskju illi kemm il-darba l-Qorti titratta mal-imputat, tkun qeghda timponi piena dwar reati li huwa diga` nghata piena ghalihom. Il-Prosekuzzjoni dejjem kellha l-opportunita` li tipprezenta l-atti tal-kaz li taw lok ghal din is-sentenza jew altrimenti ttella' lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jispjega c-cirkostanzi tal-kaz. Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz, in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, tqis illi d-dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, ma tqisx illi hija f'posizzjoni li titratta mieghu dwar ir-reati mertu ta' dik is-sentenza. Qeghda

madankollu, ghall-fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, tqis illi l-imputat ikkommetta r-reat mertu ta' dik l-imputazzjoni waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Tqis ukoll fir-rigward tas-somma ta' erba' mitt ewro misjuba fil-pussess tal-imputat illi ghalkemm l-imputat qed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalkemm din is-somma nstabet ukoll fuq il-persuna tieghu, biss ma tirrizulta l-ebda prova ohra mill-atti li tista' twassal lill-Qorti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi tali somma kienet gejja mill-bejgh tad-droga. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tordna r-rilaxx tal-istess somma lill-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, b'dan illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva (it-tielet imputazzjoni) qed issibu hati biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah ghall-piena ta' erbatax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti mhijiex qeghda titratta mal-hati ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mal-inkarigu espletat mill-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u tmenin ewro u tmintax-il centezmu (€387.18), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna in oltre ir-rilaxx tas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) esebita bhala Dokument VA4 favur il-hati u tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument VA5 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-

distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat